# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Marzu, 2022.**

**Numru 20**

**Rikors numru 609/08/1 SM**

**Alexander Gauci f'ismu u għan-nom ta' GA Properties Ltd C 14388**

**v.**

**Joseph Mizzi u Josette Mizzi u J.J Limited C 13660**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat li l-atturi ressqu fit-13 ta' Ġunju, 2008, u li jaqra hekk:

> "1. Illi fuq inkarigu tal-proprjetarji esteri tas-socjeta G.A Properties Limited kont gejt inkarigat sabiex nbiegh il-Motor Yacht proprjeta tal-istess socjeta bl-isem " Diamond Head " rregistrata Valletta bin-numru ufficjali O.N 06084 tat-tip Princess 420 kif jidher fl-annessa kopja tac-certifikat mmmarkat DOK A hawn anness.

2. Illi l-imsemmija sidien esteri huma hbieb u huma kellhom u ghandhom fiducja fiha sabiex niehu hsieb il-bejgh tal-yacht u sabiex huma jithallsu skond kif jinstab jigi kkonfermat fid-dDokument DOK E u Dok F annessi.

3. Illi l-intimat Joseph Mizzi xtaq jpartat d-daghjsa mal-proprjeta. Jiena mort nara l-proprjeta u wara qbilna fuq tpartit u zieda ta´flus u fil-fatt ghamel ftehim li kitbu l-intimat Joseph Mizzi li huwa l-ftehim tal-14 ta´ Frar 2006 liema ftehim huwa esebit bhala Dokument Dok B.

4. Illi jiena qabel iffirmajt mieghu gharraft lis-sidien inglizi u huma qaluli li jekk kont ser niehu hsieb kollox jien stajt nbiegh il-yacht u hekk ghamilt. Fil-fatt jiena ghaddejtlu il-yacht fil-pussess tieghu u huwa taghna c-cwievet tal-appartament gewwa l-Qawra. Peress li l-Inglizi x´taqu jbiegħu l-appartament halli jigbru flus qbilna li stajna nitrasferixxu lill-terzi persuni kif fil-fatt sar.

5. Illi l-appartament nbiegh lil terz u r-rikorrenti thallas ir-rikavat tieghu u baqa´ bilanc ta´ wiehed u tmenin elf hames mija tmienja u ghoxrin Ewro u sitt centezmi (€81,528.06) ekwivalenti ghal hamsa u tletin elf lira Maltin (Lm 35,000) li kellu jithallas fi flus fi zmien sentejn, kif ukoll tpartit ma prodotti fil-valur ta´ sitt elef disgha mija u tmienja u tmenin Ewro u tnax-il centezmu (€6988.12) ekwivalenti ghal tlett elef lira Maltin (LM3000.00) fi prodotti minghand s-socjeta Power Point Limited gestita mill-intimat. Diversi prodotti diga ttiehdu u gew ikkonsenjati kif kien hemm qbil izda fadal madwar hamest elef tmien mija u tlieta u ghoxrin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€5823.43) ekwivalenti ghal elfejn u hames mitt lira Maltin (LM2500.00) stante li invoices ffirmati tal-konsenji jinstabu ghand l-intimat.

6. Illi l-intimat kien hallasna erbgha u tletin elf, disgha mija u erbghin Ewro u sittin centezmu (€34,940.60) ekwivalenti ghal hmistax il-elf lira maltin (LM15 000.00) fi tlett Bank Drafts. Kien taghna wiehed ta´ sittax-il elf, tlett mija u hames Ewro u wiehed u sittin centezmu (€16,305.61) ekwivalenti ghal sebat elef lira maltin (LM7000.00) datat Ottubru 2006 u zewg Bank Drafts ohra ta´ disat elef tlett mija u sbatax -il Ewro u disgha u erbghin centezmu (€9,317.49) ekwivalenti ghal erbat elf lira (LM4000) l-wieħed datati Frar 2007.

7. Illi ghalhekk baqa jithallas l-ammont ta´ erbgha u sittin elf hames mija u sebgha u tmenin euro u sitta u erbghin centezmu (Euro 46,587.46) ekwivalenti ghal ghoxrin elf lira maltin (LM20 000.00) piu l-ammont ta´ hamest elef u tmin mija u tlieta u ghoxrin euro u tlieta u erbghin centezmu (Euro 5,823.43) ekwivalenti ghall-elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2500.00) bhala prodotti minghand s-socjeta` Power Point Limited.

8. Illi nonostante diversi promessi ta´ pagament l-ammont bilancjali baqa´ inadempjenti.

9. Illi nonostante illi gie interpellat permezz ta´ ittra uffiċjali datata 8 t'April 2008 baqa inadempjenti ghalkemm esprima x-xewqa illi jsolvi l-istess vertenza bonarjament skond kif jidher fid-dokument anness u esebit bhala Dokument Dok D.

**Peress illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ai termini tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta´ Organizazzjoni u Procedura Civili, stante li dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta attrici u l-attur il-konvenuti m´ghandhomx eccezjonijiet x'jaghtu kontra l-hlas tal-imsemmi ammont, u is-socjeta ´attrici qieghda tannetti affidavit immarkat Dok a tenur tal-istess Kodici ta´ Organizzazzjoni u Procedura Civili;**

Jghidu ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex;

i. Tikkundanna l-konvenuti jhallsu s-somma ta´ erbgha u sittin elf hames mija u sebgha u tmenin euro u sitta u erbghin centezmu (Euro 46,587.46) ekwivalenti ghall-ghoxrin elf lira maltin (LM20 000.00) ammont bilanċjali u tordnalu jikkonsenja prodotti mis-socjeta Power Point Limited fl-ammont ta´ circa hamest elef u tmin mija u tlieta u ghoxrin euro u tlieta u erbghin centezmu (Euro 5,823.43) ekwivalenti ghall-elfejn u hames mitt lira maltin (LM2500.00) dovut skond l-iskrittura datata 14 ta´ Frar 2006 **u dana bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta´ Organizzazzjoni u Procedura Civili;**

Bl-ispejjez ,inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta'April 2008, tal-mandat ta´ impediment numru 776108, mandat ta´ inibizzjoni numru 775108, mandat ta´ sekwestru numru 810108, kif ukoll tal-mandat ta´ Qbid numru 774108 u bl-imghax legali mid-data tal-iskadenza effettiva tal-14 ta' Frar 2008 sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti, minn issa ngunti in subizzjoni."

2. Rat illi b'digriet tat-12 ta' Novembru, 2008, il-konvenuti ġew awtorizzati mill-ewwel Qorti jressqu risposta għat-talbiet attriċi, u b'hekk ġiet miċħuda l-ewwel talba attriċi għad-deċiżjoni tal-kawża mingħajr kontestazzjoni;

3. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti li in forza tagħha eċċepew illi:

"1. Illi preliminarjament is-socjeta G.A. Properties Ltd m'ghandiex locus standi fil-kaz odjern stante illi l-ftehim mertu tal-kaz odjern kien bejn l-intimat Joseph Mizzi u Alexander Gauci fil-kapacita tieghu personali u mhux bhala rapprezentant tas-socjeta G.A. Properties Ltd, u dan kif johrog ben car mill-iskrittura annessa mir-rikorrent stess mar-rikors guramentat mmarkata bhala dok. B.

2. Illi preliminarjament u bla pregudizzju ghas-suespost, l-intimati Josette Mizzi u J.J Limited mhumiex il-legittimi kontradittturi fil-proceduri odjerni stante illi l-ftehim mertu ta' dan il-kaz kien biss bejn ir-rikorrenti Alexander Gauci u l-intimat Joseph Mizzi , kif ghaldarb' ohra jixhed id-dokument B anness, u ghaldaqstant ghandhom jigu liberti mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Illi preliminarjament u bla pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrenti Alexander Gauci m'għandu ebda pretensjoni x'iressaq stante illi huwa deher fuq skrittura f'ismhu proprio meta aktar tard irrizulta illi huwa ma kienx il-proprjetarju tal-boat mertu tal-ftehim.

4. Illi preliminarjament u bla pregudizzju ghas-suespost, il-proceduri odjerni huma irregolari stante illi s-socjeta rikorrenti G.A. Properties Ltd agixxiet kontra l-beneficial owner taghha stess u cioe kontra l-intimat Joseph Mizzi u kontra d-direttrici taghha stess u cioe l-intimata Josette Mizzi u dan kif ser jigi spjegat fil-mori tal-proceduri, bil-konsegwenza illi l-proceduri odjerni huma nulli.

5. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt: ebda kreditu f'termini ta' flejjes ma huwa dovut mill-intimati versu r-rikorrenti stante illi dan thallas fl-enterita tieghu kif ser jigi kkonfermat mill-intimat Joseph Mizzi fil-mori ta' dawn il-proceduri.

6. Illi rigward il-konsenja ta' prodotti mis-socjeta Power Point Limited lir-rikorrent Alexander Gauci, il-bilanc fi prodotti li baqa pendenti huwa dak ta' tlett elef, mitejn erba u sittin Euro u hamsin centezmu (€3,264.50)
akkwivalenti ghas-somma ta' elf, erba mija u wiehed liri Maltin, hamsa u erbghin il-centezmu (Lm1,401.45) skond l-anness dokument JM1, u dawn ma ttehdux stante illi r-rikorrenti qatt ma mar jigborhom minn ghand l-intimat u mhux ghaliex l-konvenut Joseph Mizzi irrifjuta jaghtihomlhu.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Dikjarazzjoni tal-fatti tal-intimati**

Joseph Mizzi, bil-gurament tieghu jikkonferma:

1. Illi l-ewwel u t-tieni paragrafi tar-rikors guramentat huwa kontestati stante illi r-rikorrent Alexander Gauci qatt ma qall lill intimat

Joseph Mizzi illi huwa kien qed jagixxi f'isem, is-socjeta G.A. Properties Ltd, jew illi kien hemm xi persuni esteri illi kellhom interess fil-ftehim illi intlahaq bejnithom.. Infatti l-ftehim illi gie iffirmat mill-partijiet huma specifikatament bejn Alexander Gauci u Joseph Mizzi u ma ssir referenza ghal ebda prokura illi setghet saret lill Alexander Gauci mill-persuni esteri sabiex huwa jidher f'isimhom fuq l-iskrittura tal-14 ta' Frar, 2006.

2. Illi t-tielet paragrafu mhux fl-enterita tieghu korrett stante illi l-ftehim, kopja tad-'draft' tieghu qedha tigi annessa bhala dok. JM2, gie , maqbul miz-zewg partijiet u ma sarx fuq inizjattiva tal-intimat Joseph Mizzi wahdu.

3. Illi r-raba paragrafu huwa ghal darb'ohra kontestat stante illi l-bejgh tal-proprjeta li kienet tifforma parti mil-ftehim tal-14 ta' Frar 2006 sar lill terzi persuni mill-intimat Joseph Mizzi, dokument JM3 anness, u mkien ma jirrizulta illi kien hemm xi partecipazzjoni ta' persuni esteri ghajr ghax-xerrejja illi nzertaw kienu persuni ta' nazzjonalita ngliza u residenti l-Ingilterra.

4. Illi l-hames paragrafu hemm qbil dwaru ghajr ghal bilanc illi baqa fi prodotti u cioe f'terminu ta' flus fl-ammont ta' tlett elef, mitejn erba u sittin Euro u hamsin centezmu (€3,264.50) ekkwivalenti ghas-somma ta' elf, erba mija u wiehed liri Maltin, hamsa u erbghin il-centezmu (Lm1,401.45) skond l-anness dokument JM1, u mhux ghal hamest elef tmien mija u tlieta u ghoxrin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€5823.43) kif gie dikjarat mir-rikorrenti.

5. Illi s-sitt, seba u tmien paragrafi huma lkoll kontestati stante illi fl-ewwel lok, ghal darb'ohra hemm diskrepanza fic-cifri illi qed jigu kkwotati mir-rikorrenti stante illi l-intimat Joseph Mizzi hallas lir-rikorrenti Alexander Gauci parti mis-somma dovuta permezz ta' tlett bank drafts fl-ammont ta' tmintax il-elf sitt mija erbgha u tletin Ewro tmienja u disghin il-centezmu (€18,634.98) ewkivalenti ghas-somma ta' tmient elef lira Maltin (Lm8,000), u tnejn fl-Ammont ta' disat elef tlett mija u sbatax Ewro, disgha u erbghin il-centezmu (€9,317.49) ekkwivalenti ghal erbat elef lira Maltin (Lm4,000), li jgibu total ta' tlieta u sebghin elf, mitejn disa u sittin Ewro, sebgha u disghin centezmu (€37.269.97) ekkwivalenti ghas-somma ta' sittax il-elf lira Maltin (Lm16,000), skond l-anness dokument JM4, filwaqt illi d-differenza thallset mill-intimat Joseph Mizzi lir-rikorrenti Alexander Gauci in kontanti u dan kif ser jigi konfermat fuq gurament mill-intimat Joseph Mizzi fil-mori ta' dawn il-proceduri.

6. Illi d-disa paragrafu huwa wkoll kontestat stante illi r-referenza ghal ftehim bonarju ma kienx qed jirreferi ghal xi flejjez illi kienu ghadhom pendenti izda ghal vertenzi illi maz-zmien zviluppaw bejn iz-zewgt partijiet u li huma soggetti ghal proceduri odjerni miftuha mill-intimati pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta.

7. Illi ebda flejjez ma huma dovuti mill-intimati lir-rikorrenti, filwaqt illi a rigward il-konsenja ta' prodotti, ma hemm xejn x'izomm lir-rikorrent Gauci milli jigbor il-kumplament tal-konsenja minn ghand l-intimat Joseph Mizzi ghal bilanc illi baqa.

8. Illi proprio wara illi gie konkluz il-ftehim mar-rikorrenti Gauci u meta l-intimat Joseph Mizzi talab illi tinqalab il-boat mertu tal-ftehim ghal fuqu, l-intimat Joseph Mizzi sar jaf illi l-boat ma kienetx fil-verita tappartjeni lill Alexander Gauci kif kien tah x'jifhem, izda li minflok kienet proprjeta tas-socjeta G.A. Properties Ltd

9. Illi minn dak in-nhar intlahqu arrangamenti ohra fejn gew involuti terzi persuni dwar kif din il-boat setghet tghaddi ghand Joseph Mizzi, u dwar kif Joseph Mizzi eventwalment akkwista anke il-kumpanija u dan sabiex huwa setgha jsir proprjetaru ta' boat illi kien hallas ghaliha, billi inhattret l-intimata Josette Mizzi, bhala direttrici tas-socjeta G.A. Properties. Jirrizulta wkoll illi l-istess Josette Mizzi, bla ebda avviz u bi ksur flagranti tal-ligi, tnehhiet minn direttrici u tpogga minn flokha certu Roberto Stivala, imharrek bhala xhud mill-intimati, li ressaq dikjarazzjoni ta' tnehhija lill awtoritajiet kompetenti bl-insaputa tal-intimata Josette Mizzi, u dan kif ser jigi konfermat mill-intimati fil-mori tal-proceduri odjerni.

10. Mis-suespost isegwi ghaldaqstant illi l-proceduri odjerni nfethmu fost ohrajn minn persuna illi resqet fuq kuntratt ghal bejgh ta' oggett li ma kienx taghha, kif ukoll minn socjieta, i.e. G.A. Properties Ltd, illi l-intimata Josette Mizzi hija direttrici taghha u li l-intimat Joseph Mizzi huwa l-beneficial owner taghha, haga ghal kollox irregolari kif ser jigi spjegat f'aktar dettal fil-mori tal-proceduri.

11. Illi ghar-ragunijiet fuq imsemmija, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda."

4. Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Novembru, 2015, li in forza tagħha ċaħdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti *proprio et nomine,* bl-ispejjeż kontra tagħhom;

5. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"

12.0. Illi fil-mertu jirrizulta sintetikament is-segwenti:

12.1. Illi permezz ta' skrittura privata datata l-14 ta' Frar, 2006, (ara foll 5, 44 u 131), ir-rikorrenti Alex Gauci u l-intimat Joseph Mizzi ftehmu sintetikament is-segwenti:

12.1.1. Illi jippermutaw in parti *yacht* ma' proprjeta`;

12.1.2. Illi l-*yacht* kien tat-tip *Princess* jismu *"Diamond Head"*, kif hemm indikat, inkluz l-irmigg;

12.1.3. Illi l-proprjeta` permutata kienet dik jisimha *"Buena Vista Apartments"*, *Flat* 3, Triq il-Kosta, Il-Qawra, fi stat komplut;

12.1.4. Illi kellu jkun hemm bilanc hemm indikat favur Alex Gauci, li kellu jithallas fi zmien sentejn,(2);

12.1.5. Illi kemm il-darba dan il-bilanc ma jithallasx, x-xerrej, (Mizzi), kellu jissellef dak l-ammont mill-bank;

12.1.6. Illi kien hemm ukoll ghotja favur ir-rikorrenti hemm indikata li kellha tithallas permezz t'oggetti mis-socjeta` *Power Point Limited* li taghha l-intimat kien azzjonist;

12.1.7. Illi l-immobbli fuq riferit kellu jibqa` f'isem l-intimat sa kemm jinstab xerrej;

12.1.8. Illi l-immobbli kellu jibqa` hekk sa kemm jigi trasferit direttament lix-xerrej;

12.1.9. Illi sa dan iz-zmien indikat fil-paragrafu precedenti, r-rikorrenti kellu jkun responsabbli ghall-istess immobbli;

Ikkunsidrat:

13. Illi tenut kont tas-suespost ghandu jkun pacifiku li l-unici partijiet involuti fl-istess permuta jirrizultaw li kienu Alexander Gauci r-rikorrenti u Joseph Mizzi l-intimat, (ara foll 5, 44 u 131);

14. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li la s-socjeta` rikorrenti *G.A. Properties Limited* u lanqas dik intimata *J.J. Limited* ma jinkwadraw fl-istess negozju;

15. Illi l-intimata Josette Mizzi hi rilevanti kwantu tigi l-mara ta' l-intimat Joseph Mizzi;

Ikkunsidrat:

16.0. Illi rigward il-valur tal-permuta in dizamina jirrizulta dizgwid pjuttost serju u inkwetanti, u dan ghaliex:

16.1. Il-valur ta' l-appartament in dizamina gie indikat fl-istess skrittura fl-ammont ta' Lm35,000.00, (ara foll 5, 44, 131);

16.2. L-istess valur kien effettivament aktar, senjatament Lm55,000;

17. Illi li hu inkwetanti f'dan ir-rigward hu li l-kontendenti ma habblux rashom jiftehmu li jindikaw l-ammont izghar specifikatament *"for income tax purposes"*, (ara foll 5, 44,131);

Ikkunsidrat:

18. Illi wara l-konkluzjoni ta' l-iskrittura privata fuq riferit l-intimat Mizzi skopra li effettivament il-*yacht* in dizamina ma kienx tar-rikorrenti Gauci izda tas-socjeta` *G.A. Properties Limited*;

19. Illi konsegwenza ta' l-istess l-intimat ma setghax jirregistra l-*yacht de quo* f'ismu;

20. Illi rizultat ta' l-istess problema kellu jsir ftehim sussegwenti, din id-darba verbali u quddiem terza persuna, biex b'hekk l-intimat jixtri s-socjeta` *G.A. Properties Limited* biex ikun jista` jsir it-trasferiment *de quo*, (ara foll 105);

21. Illi *di piu`*, ir-rikorrenti esebixxa kopja ta' kuntratt datat iz-19 ta' Lulju, 2006, li permezz tieghu stabillixxa li s-socjeta` *J.J. Limited* kienet akkwistat l-appartament fuq indikat, (ara paragrafu numru tnax punt wiehed punt tlieta, (12.1.3.), aktar qabel, u foll 45);

22.0. Illi jirrizulta wkoll minn dokumenti pprezentati permezz ta' verbal mir-rikorrenti datat it-2 ta' Marzu, 2011, li permezz taghhom indika:

22.1. Illi l-appartament *de quo* kien akkwistat gebel u saqaf, (ara kuntratt datat it-23 ta' Settembru, 2010, a foll 80);

22.2. Illi thallas l-ammont hemm indikat, (ara foll 80);

22.3. Illi l-hlasijiet saru skont il-prospett hemm ipprezentat, (ara foll 84);

23. Illi l-istess rikorrenti Gauci jghid bil-gurament tieghu li m'ghandu jiehu xejn minghand l-intimat Mizzi, (ara foll 101);

24. Illi *di piu`*, l-istess rikorrenti jkompli jghid li minghand is-socjeta` intimata *J.J. Limited* "m'ghandi niehu xejn personalment....", (ara foll 101);

25. Illi finalment, ghalkemm qabel l-istess rikorrenti Gauci sostna li agixxa ghan-nom ta' Alan Brown u Patricia Henrikksen (ara foll 100 u 124), u li ghandu prokura biex ibiegh id-dghajsa *de quo*, fl-ahhar tal-kontro-ezami tieghu jghid li hu m'ghandu x'jaqsam xejn mal-kumpanija

*G.A. Properties Limited*, (ara foll 101), li fl-okkju tar-rikors guramentat promotur hu stess indika li qieghed jidher f'din il-procedura anke ghan-nom u in rapprezentanza taghha, (ara foll 1);

26. Illi l-istess nuqqas ta' rabta legali effettiva bejn ir-rikorrenti Gauci u s-socjeta` *G.A. Properties Limited* tirrizulta kkonfermata ghal darb'ohra mill-istess Gauci fix-xhieda guramentata sussegwenti tieghu, (ara foll 124);

Ikkunsidrat:

27.0. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta palesi li:

27.1. Ir-rikorrenti Gauci m'ghandux ness legali mas-socjeta` minnhu allegatament rapprezentata;

27.2. Il-pagamenti rikjamati mill-istess rikorrenti Gauci jirrizultaw li thallsu;

27.3. Illi s-socjeta` intimata *J.J. Limited* hi kompletament estranea ghar-relazzjoni in dizamina;

Ikkunsidrat:

28. Illi finalment, jirrizulta assodat li l-ammont dovut fi prodotti mis-socjeta` *"Power Point Limited"* kien u ghadu ghad-disposizzjoni tar-rikorrenti Gauci u kien hu li naqas li jmur u jiehu l-prodotti *de quo* sa l-ammont dovut;

29. Illi ghalhekk, mill-inattivita` tar-rikorrenti m'ghandux ibati l-konsegwenzi l-intimat;

6. Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi li in forza tiegħu, għar-raġunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti jogħġobha:

"tħassar u tirrevoka s-Sentenza moghtija fil-11 ta´ Novembru 2015 fl-ismijiet fuq premessi u tghaddi biex filwaqt li tirrevoka l-imsemmija decizjoni tilqa t-talbiet attrici u tikkanonizza lis-socjeta GA Properties Limited bhala kreditrici tal-intimati fis-somma ta´ LM19,000 ekwivalenti ghall-Euro 44,258. Peress illi mill-ammont ta´ prodotti barter fl-ammont ta´ LM3000 thallsu bis Lm 638 hija dovuta s-somma ta´ LM2362 ekwivalenti ghall- Euro 5,501. Ghalhekk l-ammont esatt ppruvat bhala l-bilanc dovut lill-atturi jammonta ghall- Euro 49,759.00 li ghandhom jithallsu mill-intimati jew min minhom bl-interess bit-8% mid-data tal-ittra Ufficjali ppresentata fit-8 ta´ April 2008 bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat. L-atturi jkunu awtorizzati jisbankaw favur

taghhom b'riserva ghal hlas effettiv ta´ kull debitu li jibqa pendent, ic-cedola Numru 752/08 tat-3 ta' Lulju 2008 u cedola 646/08."

7. Rat ir-risposta tal-konvenuti li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti jogħġobha:

" tichad l-appell ta' Alexander Gauci proprio et nomine u tikkonferma s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Novembru 2015. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur proprio et nomin appellant."

8. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

9. Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

10. Illi f'din il-kawża l-attur Alexander Gauci, li qed jidher f'ismu proprju u f'isem is-soċjeta` kummerċjali GA Properties Ltd, qed jitlob il-ħlas ta' €46,589.46 fi flus u l-ħlas ta' €5,823.43 fi prodotti mingħand is-soċjeta` Power Point Ltd, bħala bilanċ dovut fuq skrittura tal-14 ta' Frar, 2006. Din l-iskrittura li fuqha dehru biss il-partijiet personalment, turi ftehim li daħlu fih għat-tpartit ta' *yacht* bl-isem "*Diamond Head*" ma' appartament fi Triq il-Kosta, il-Qawra. Wara din l-iskrittura inqalgħu diversi problemi, fosthom li d-dgħajsa ma kinitx tal-firmatarju tal-iskrittura, Alexander Gauci, imma tas-soċjeta` GA Properties Ltd li ma ffirmatx l-iskrittura. Eventwalment, id-dgħajsa ġiet trasferita minn GA Properties Ltd għal fuq is-soċjeta`

konvenuta JJ Ltd, u l-appartament ġie trasferit fuq persuni indikati mill-attur. L-attur jgħid li fadallu jieħu bilanċ ta' flus u prodotti riżultat ta' dan il-ftehim, filwaqt li l-konvenut jammetti biss li l-attur fadallu jieħu €3,264.50 fi prodotti, liema oġġetti jgħid li ma ttieħdux għax l-attur qatt ma mar għalihom.

11. L-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet attriċi wara li kkonstatat nuqqas ta' ness legali bejn uħud mill-partijiet u li l-pagamenti rikjamati mill-atturi jirriżultaw li tħallsu.

12. L-atturi appellaw mis-sentenza u qed jgħidu li l-pretensjoni tagħhom hija ġustifikata għax ma jirriżultax li sar ħlas tal-bilanċ dovut.

13. Meta eżaminat l-atti ta' din il-kawża, din il-Qorti ma tistax ma tinnotax il-mod imħawwad kif il-partijiet innegozjaw il-ftehim, bla assistenza ta' ħadd, u b'arranġamenti verbali li seħħew wara l-iffirmar tal-iskrittura tal-14 ta' Frar, 2006. Issa wara li ħawdu bejniethom, bi ftehim li jirriżenta kawża illeċita` (bil-valur tal-appartament jitniżżel li hu Lm35,000, meta fil-verita` kien Lm55,000, u dana "*for income tax purposes*" ), l-atturi jippretendu li għandhom jingħataw rimedju minn dawn il-Qrati.

14. Kif intwera qabel, fl-iskrittura tal-14 ta' Frar, 2006, li hi l-bażi tal-azzjoni attriċi, is-soċjetajiet GA Properties Ltd u J.J. Ltd ma jikkonfiguraw

imkien, u dawn allura ma jistgħu jressqu ebda pretensjoni bis-saħħa ta' dik l-iskrittura. Illi *di piu`*, l-istess attur Alexander Gauci xehed li hu personalment "*m'għandi nieħu xejn*" mingħand J.J. Ltd. Inoltre, hija l-konvenuta Josette Mizzi li hija direttriċi tas-soċjeta` attriċi GA Properties Ltd, u ma ttieħdet ebda proċedura skont il-liġi biex titneħħa.

15. Jirriżulta wkoll li l-attur Alexander Gauci xehed li hu ma għandux x'jaqsam mal-kumpannija GA Properties Ltd. Hu diversi drabi xehed li ma għandux x'jaqsam ma' din is-soċjeta`. L-azzjoni f'isem GA Properties Ltd hija, għalhekk, irrita, billi saret minn persuna li ma għandhiex dritt tidher f'isimha, u inoltre, kontra l-persuna li għandha dritt tirrappreżentaha. Wieħed ifakkar li fuq l-iskrittura tal-14 ta' Frar, 2006, l-attur Gauci deher biss personalment, u mhux għan-nom ta' xi kumpannija jew is-sidien tad-dgħajsa. L-attur Alexander Gauci daħal fi ftehim fuq oġġetti li ma kinux jappartjenu lilu, u lanqas ma deher f'isem is-sidien vera tad-dgħajsa oġġett tal-ftehim.

16. Fl-aħħar mill-aħħar it-tpartit jidher li sar, bl-attur pero` jgħid li hu personalment fadallu jieħu xi bilanċ. Meta wieħed iqis, pero` l-illeċita` tal-ftehim u l-kontradizzjoni bejn dak li jgħid l-attur u dak li jgħid il-konvenut, din il-Qorti tasal għall-fehma li l-ġudizzju li għamlet l-Ewwel Qorti kien wieħed sostanzjalment ġust u korrett. Hu veru li l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-atti ta' ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni (numru 775/08) bejn l-istess

partijiet qalet, fid-deċiżjoni tagħha tas-17 ta' Ġunju, 2008, li ma kenitx sodisfatta li sar ħlas mill-konvenut, pero` meqjus ukoll, kif irrilevat l-ewwel Qorti f'din il-kawża, li l-attur xehed li ma għandu jieħu xejn mingħand il-konvenut Mizzi, tara li ma għandhiex tiddisturba l-konklużjoni milħuqa mill-ewwel Qorti.

17. Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell ta' Alexander Gauci f'ismu u għan-nom ta' GA Properties Ltd billi tiċħad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-appellant *proprio et nomine*.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da